MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 144/2013

**Clentec Holdings Limited (C48090)**

**vs**

**Jesmond Tonna (ID:354974M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta rikorrenti tat-12 ta’Frar 2013, li jaqra hekk:

*1. “Illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ sebgha u hamsin elf tlett mija tlieta u ghoxrin euro u wiehed u sittin centezmu (€57,323.61) rapprezentanti bilanc ta’ arretrati ta’ kera fuq il-fondi numru 21, 22 u 47, Triq Balbi, Marsa u bilanc ta’ prezz tat-tigdid ta’ trade licenses u premiums relattivi tal-polza ta’ assikurazzjoni fuq il-fondi in kwistjoni (rendikont anness u immarkat bhala* ***Dok A*** *ffirmat mill-intimat);*

*2. Illi dan il-bilanc gie ammess mill-intimat li sahansitra ddikjara li 1-kera fuq il-fondi in kwistjoni giet terminata u ghadda lura c-cwievet lis-socjeta' rikorrenti (ara dikjarazzjoni annessa u mmarkata bhala* ***Dok B****);*

*3. Illi 1-intimat gie ukoll notifikat b'ittra ufficjali numru 1627/2012 (ara kopja tal-ittra ufficjali u nota tal-intimat annessi u mmarkati bhala* ***Dok C****) ghal ammont li kien dovut sal-prezentata ta' tali ittra;*

*4. Illi dan l-ammont huwa ghalhekk cert, likwidu u dovut u s-socjeta' rikorrenti thoss li 1-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet taghha.*

*Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet premessi, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob li din 1-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' 1-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili;*

*2. Tiddikjara illi 1-intimat huwa debitur tas-socjeta' mittenti fis-somma ta' sebgha u hamsin elf tlett mija tlieta u ghoxrin euro u wiehed u sittin centezmu (€57,323.61) rapprezentanti bilanc ta' arretrati ta' kera fuq il-fondi numru 21, 22 u 47, Triq Balbi, Marsa u bilanc ta' prezz tat-tigdid ta' trade licenses u premiums relattivi tal-polza ta' assikurazzjoni fuq il-fondi in kwistjoni;*

*3. Tikkundanna lill-intimat ihallas dan 1-ammont lis-socjeta' rikorrenti*

*B1-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1627/2012 u bl-imghaxijiet dekoribbli mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rata jew rati permessi mill-ligi.*

*L-intimat huwa minn issa ngunt in subizzjoni."*

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa ta' Simon Turner (ID. 207273M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti Clentec Holdings Limited (a fol. 3) li taqra hekk:

1. *"Illi 1-intimat huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' sebgha u hamsin elf tlett mija tlieta u ghoxrin euro u wiehed u sittin centezmu (€ 57,323.61) rapprezentanti bilanc ta' arretrati ta' kera fuq il-fondi numru 21, 22 u 47, Triq Balbi, Marsa u bilanc ta' prezz tat-tigdid ta' trade licenses u premiums relattivi tal-polza ta' assikurazzjoni fuq il-fondi in kwistjoni (rendikont anness u immarkat bhala* ***Dok A****);*

2. *Illi dan il-bilanc gie ammess mill-intimat li sahansitra ddikjara li 1-kera fuq il-fondi in kwistjoni giet terminata u ghadda lura c-cwievet lis-socjeta' rikorrenti (ara dikjarazzjoni annessa u mmarkata bhala* ***Dok B****);*

3. *Illi 1-intimat gie ukoll notifikat b'ittra ufficjali numru 1627/2012 (ara kopja ta-littra ufficjali u nota tal-intimat annessi u mmarkati bhala Dok C) ghal ammont li kien dovut sal-prezentata ta' tali ittra;*

4. *Illi dan 1-ammont huwa ghalhekk cert, likwidu u dovut u s-socjeta' rikorrenti thoss li 1-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet taghha;*

5. *Illi ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill- intimat skond il-ligi bil-procedura tal-affissjoni, fil-25 ta'Gunju 2013, u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-8 ta'Novembru 2013 u fil-Gazzetta Lokali fit-22 ta'Novembru 2013;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat illi l-intimat baqa’ kontumaci u meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-llum l-Hamis 13 ta’ Frar 2013, l- intimat ma deherx;

Rat il-fakolta’ moghtija minn dinil-Qorti lil konvenut sabiex jipprezenta nota ta’sottomissjonijiet ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12;

Rat illi il-konvenut baqa’ inadempjenti ;

Rat ix-xhieda ta’ Dr Victor Axiaq ghas-socjeta’ attrici illi fiha ikkonferma bil-gurament illi l-ammont pretiz fir-rikors guramentat baqa’ ma thallasx mill-intimat u ghadu kollu dovut;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**1. Tilqa’ l-ewwel talba u ghalhekk qedgha tiddeciedi din il-kawza bid-dispenza mis-smiegh;**

**2. Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara l-intimat huwa debitur tas-socjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ sebgha u hamsin elf tlett mija tlieta u ghoxrin euro u wiehed u sittin centezmu (€57,323.61) rapprezentanti bilanc ta’ arretrati ta’ kera fuq il-fondi numru 21, 22 u 47, Triq Balbi, Marsa u bilanc ta’ prezz tat-tigdid ta’ trade**

**licenses u premii relattivi tal-polza ta' assikurazzjoni fuq il-fondi in kwistjoni.**

**3. Tikkundanna lill-intimat sabiex jhallas dan l-ammont lis-socjeta' rikorrenti.**

**Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax kif mitluba kontra l-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------